# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2253

**Kaz Numru 3150/CC** **Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**Bejn**

**Arriva Malta Limited**
**u**
**General Workers' Union**

**' dwar nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar dak li huwa effetivament dovut skond il-ligi lill-haddiema ma' l-Arriva Malta Ltd., li huma '*scheduled*' illi jahdmu f'festa pubblika/nazzjonali, bhala gurnata normali tax-xoghol taghhom.'**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Membri : Is-Sur David Magro**
**Is-Sur Michael J. Mallia**

**Nhar l-Erbgha 27 ta' Novembru, 2013**

- **Introduzzjoni**

Din it-tilwima ta'xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrjali permezz ta' ittra datata 19 ta'Awwissu 2013 mibghuta mill-Onor. Dr.Elena Dalli Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm zewg seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati difensuri.

Ma' kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi minhabba li fi tmiem l-ewwel seduta li kienet saret nhar it-2 ta' Ottubru 2013 il-partijiet infurmaw li kien qed isir tentattiv sabiex jintlahaq ftehim u gie maqbul li jekk tali ftehim ma' jintlahaqx is-smiegh ikompli fis-6 ta' Novembru 2013, kif effettivament sar.

- **Rapprezentanza**

Christine Camilleri *Human Resources Director* tal-Arriva Malta Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah il-Kumpanija, kienet assisstita mill-Avukat Karl Briffa u l-Avukat George Hyzler.

Jeremy Camilleri Segretarju tat-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-GWU li minn issa l-quddiem ser tissejjah il-Union kien assisstit mill-Avukat Aron Mifsud Bonnici.

- **Dikjarazzjoni tal-Kaz**

Il-Kumpanija tghid illi anke kif konfortata mill-posizzjoni ufficcjali tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjoni Industrjali dwar il-mertu ta' din it-tilwima, il-Kumpanija hija tal-fehma illi l-posizzjoni taghha dwar l-haddiema li huma '*scheduled*' sabiex jahdmu bhala gurnata normali tax-xoghol taghhom ( u mhux '*a day of rest'*), u dik il-gurnata tinzerta festa pubblika/nazzjonali, huma ntitolati, apparti l-hlas normali tal-paga ghas-sieghat mahduma ghall dik il-gurnata, ghall hlas addizzjonali ghas-sieghat mahduma f'dik il-gurnata li inzertat kienet festa pubblika/nazzjonali, kalkulata bir-rata '*single rate*', hija wahda korretta u skond il-ligi.

Il-Union fid-dikjarazzjoni verbali li ghamel l-Avv.Mifsud Bonnici fit-tieni seduta sostniet li hija qieghda tikkontesta t-talba tal-Kumpanija kif esposta fit-*terms of remit* u b'mod parttikolari tirreleva illi t-tilwima hija aktar ampja minn semplici dikjarazzjoni ta' x'tghid il-ligi u r-rizoluzzjoni ta' din it-tilwima necessarjament tinkludi analizi tal-fatti illi wasslu sabiex il-partijiet ma' jaqblux dwar hlas li jkun dovut lill-haddiema meta jintalbu jahdmu f'festi pubblici.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Christine Camilleri** xehdet li l-Kumpanija ilha topera f'Malta sa minn Gunju 2011 u hija qabdet tahdem maghha f'Mejju 2012 bhala *HR Manager* u issa tokkupa l-kariga ta' *HR Director* mal-Kumpanija u dan sa' minn Ottubru 2012.

Ix-xhud qalet li matul iz-zmien, meta mpjegat kien jinzerta *scheduled* li jahdem f'festa pubblika gieli thallas *times three*, gieli *times one*, gieli *times two* u sahansidra anke *times four*. Qalet li minn naha tal-haddiema qatt ma' kien hemm ilmenti meta l-hlas kien ikun *times four,* pero meta kien isir *times one* kienu jilmentaw.

Qalet illi f'xi zmien fl-2012, meta l-kumpanija bdiet tikkunsidra din is-sitwazzjoni bhala wahda ta' zball, u argumentat li l-hlas ta' impjegat *scheduled* f'festa pubblika kellu jkun *times two,* is-Segretarju tat-taqsima tal-GWU Ch.Agius kien insista li l-hlas fil-*Public Holidays* irid jibqa jsir *times three,* immaterjali jekk f'dak il-jum l-impjegat ikunx *scheduled* jew jiddahhal *extra*, fejn gharrafha ukoll li fin-nuqqas ta' dan il-Union kienet lesta li tordna azzjoniiet industrjali.

Ix-xhud kompliet li minhabba dan in-nuqqas ta' qbil, f'Marzu 2012, il-kaz gie riferut lid-Direttur tax-Xoghol sabiex jaghti gwida, liema gwida moghtija mid-Direttur kienet taghmel differenza bejn jekk impjegat ikun xoghol *scheduled* jew ordnat jahdem *overtime*. Ix-xhud qalet li dwar dan is-suggett anke saret laqgha propja bejn il-partijiet u d-Direttur tax-Xoghol, fejn dan minn naha tieghu qabel mar-ragunament tal-Kumpanija.

Spjegat li wara dan il-*meeting* mad-Direttur tax-Xoghol sar qbil bejn il-partijiet li din l-*issue* titressaq *jointly* quddiem it-Tribunal Industrjali u sakemm tigi deciza, l-hlas lill haddiema jibqa jsir kif kien u cjoe *times three*.

Ix-xhud kompliet li l-Union qatt ma'avvicinat lill-Kumpanija sabiex il-kaz jitressaq quddiem it-Tribunal u konsegwenza ta' hekk il-hlas fil-festi pubblici baqa jsir *times three*, minghajr distinzjoni.

Ix-xhud stqarret li la fil-ftehim milhuq mal-Union li jittratta xi kundizzjonijiet tal-impjegati u li gie iffirmat fit-20 ta' Settembru 2012 u lanqas fil-WRO li jirregola lill haddiema tat-Trasport Pubbliku ma' hemm xi referenza fuq din l-*issue.* Kompliet li b'dan il-ftehim, l-impjegati koperti huma x-xufiera u l-*mechanics*.

Meta x-xhud giet mitluba mit-Tribunal tispjega ghaliex la darba l-Kumpanija kienet konxja li tezisti problema mhux rizolta dwar il-hlas li ghandu jsir meta mpjegat ikun *scheduled* li jahdem f'festa pubblika, din l-*issue* ma' tqajjmitx waqt id-diskussjonijiet li wasslu ghal-ftehim ta' Settembru 2012, ix-xhud wiegbet li ma' tiftakarx li din l-*issue* qamet la minn naha tal-Kumpanija u lanqas minn naha tal-Union.

**Ray De Carlo** xehed li huwa impjegat mal-Kumpanija bhala *Driver* u ilu impjegat sa minn meta bdiet topera Kumpanija. Huwa stqarr li sa mill-bidu nett il-kumpanija regolarment kienet thallas doppju u gurnata tizdied mal-*leave* meta impjegat *rostered* jahdem festa pubblika. Wara xi sena u nofs il-hlas beda jsir shih, voldieri ma' tizdiedx gurnata izda jsir hlas tripplu. Spjega li wara xi sentejn il-Kumpanija f'dik ic-cirkostanza ta' xoghol bdiet thallas bid-doppju, ghaliex qalet li hekk tghid il-ligi u l-ftehim li sar mal-Union. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li ma' jidhirlux li fil-ftehim mal-Union hemm hekk.

**Jeremy Camilleri** xehed illi huwa Segretarju tat-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-Union, kariga li ilu jokkupa minn Lulju 2013, wara Ch.Agius, li kien Segretarju meta inqalghet din it-Tilwima. Ix-xhud qal li meta tkellem ma' Agius dan qallu li kien hemm din il-kwistjoni pendenti u li kien sar qbil fit-23 ta'April 2013 mal-Kumpanija li l-hlas ma' jigix imnaqqas sakemm ikun hemm *ruling* mit-Tribunal. Dwar il-ftehim li sar mal-Kumpanija, ix-xhud qal li meta ried ibiddel xi haga minnu l-Kumpanija kienet tghidlu li dan ma' setax isir ghaliex kien kopert mill-ftehim. Dan qalu filwaqt li sahaq li tali ftehim ma' jaghmilx referenza ghall-*issue* 'in kwistjoni'. Mistoqsi mit-Tribunal ghaliex din l-*issue* ma' gietx ittrattata waqt li kien qed jigi diskuss il-ftehim, ix-xhud qal li meta tkellem mal-predecessur tieghu qallu li ma' kienx ihoss il-bzonn li jiddiskutija. Ix-xhud temm billi qal li hemm qbil bejn iz-zewg partijiet li kemm jista jkun malajr jinbdew tahdidiet sabiex jigi formulat ftehim kollettiv shih.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr.George Hyzler** ghan-nom tal-Kumpanija beda l-argumenti tieghu billi qal li huwa minnu li l-kumpanija ghamlet zmien thallas lill impjegati fil-festi pubblici meta jkunu *rostered* aktar minn dak stipulat fil-ligi u meta giet konxja ta' dan bdiet thallas kif suppost. Hawnhekk inqalet kwistjoni, qal Dr.Hyzler, ghaliex il-Union hadet il-parti tal-haddiema, li kienu lahqu twebblu b'tali hlas.
Dr.Hyzler qal li din il-kwistjoni hija dwar interpretazzjoni tal-ligi u anke ghamel referenza ghal-*E-mails* mibghuta mid-Direttur tax-Xoghol sabiex isostni dan. Dr.Hyzler sahaq li *Employer* li jkun ghazel li jhallas aktar minn dak stipulat fil-ligi ma' jistax ikun marbut li jibqa jhallas, specjalment jekk jinduna li jkun ghamel hekk bi zball, semplicement ghaliex il-haddiema jkunu twebblu.
F'dan il-kaz, Dr.Hyzler qal li l-kumpanija mhix qed tiehu l-posizzjoni li tippretendi li tirkupra l-hlasijiet li saru bi zball pero ma' ghandux ikun mifhum li galadarba ghamlet zball fil-bidu dan ghandu jibqa jigi mkaxkar ghal dejjem. Huwa sahaq li ahjar li kieku dan li zball ma' sarx ghaliex kieku il-Kumpanija kienet tiffranka l-flus u din ik-kwistjoni kienet tigi evitata.
Dr.Hyzler argumenta li fil-waqt li WRO's ohrajn jispecifikaw li hlas isir *times three*, fic-cirkostanza bhal ma' hi din il-kwistjoni, fil-WRO tal-*Public Transport* ma' jghid xejn. Allura sostna Dr.Hyzler, li la darba li fil-ligi ma' jinghadx li l-hlas ghandu jkun *times three*, il-ligi ma' riditx li dan isir. Sahaq li fil-mankanza ta' ftehim kollettiv hemm id-direzzjoni tad-Direttur tax-Xoghol.
Dr.Hyzler ghalaq l-intervent tieghu billi qal li dan li zball qed jikkreja ingustizzja ghaliex minn qieghed jahdem f'festa pubblika u jkun *scheduled* qieghed jithallas li stess bhal meta wiehed ikun gie mghajjat minn *rest* sabiex jahdem f'festa pubblika.

**Dr.Aron Mifsud Bonnici** ghan-nom tal-Union beda t-trattazzjoni tieghu billi stqarr li kien f'dan il-process li issemiet l-ewwel darba li l-pagament 'in kwistjoni' sar bi zball. Dr.Mifsud Bonnici qal li kieku kien hekk, skont il-ligi, il-Kumpanija setghet tirkupra lura il-flus li gew imhallsa bi zball u dan setghet taghmlu sa zmien sentejn. Xi haga skond, Dr.Mifsud Bonnici li gieli saret, ghalkemm il-Unions jopponuha.

Pero, qal Dr.Mifsud Bonnici, f'dan il-kaz ma' kienx zball, tant li mix-xhieda hareg li l-kumpanija biddlet is-sistema ta' hlas aktar minn darba, daqqa flus doppji u gurnata *leave* u drabi ohra trippla fi flus. Kienet prattika li kienet toghgob lill kulhadd sahaq l-avukat.
Dr.Mifsud Bonnici kompla li meta il-Kumpanija riedet ghar-ragunijiet taghha tbiddel din il-prattika ma' ghamlitx billi approcjat lill-Union kif isir f'relazzjonijiet industrjali tajba izda qadbet u naqqset il-hlas. Dr.Mifsud Bonnici kompla li dan il-pass qajjem rejazzjoni mill-haddiema, li marru ghand il-Union li minn naha taghha tat avviz ta' azzjoni ndustrjali jekk il-hlas ma' jergax jigi ghall li kien.
Dr.Mifsud Bonnici argumenta li fir-rigward tal-hlas f'din il-kwistjoni, il-ligi hija silenzjuza, fejn ma' tghidlekx li l-hlas irid isir *three times* jew *two times.*
Il-WRO li jirregola dan is-settur ukoll ma' jghid xejn f'dan ir-rigward kompla l-avukat. Jghid biss li l-haddiem ghandu dritt ghal btala bi hlas meta tkun festa pubblika. U f'dan il-kuntest la darba m'hemm xejn fil-ligi kif isir il-hlas meta haddiem jahdem tali gurnata irid ikun miftiehem mieghu kif isir il-hlas sostna Dr.Mifsud Bonnici. Dwar id-direzzjoni tad-Direttur tax-Xogol, Dr.Mifsud Bonnici qal li fil-waqt il-posizzjoni tieghu hija meqjusa bhala ta' medjatur fejn jipprova jwassal lill partijiet, f'dan il-kaz id-Direttur qal li la darba m'hemmx ftehim kollettiv, il-WRO tipprevali, argument pjuttost superficjali.
Dr.Mifsud Bonnici qal li mix-xhieda gie stabbilit li l-hlas 'in kwistjoni' kien ilu jsir sentejn shah jew kwazi. Il-Kumpanija qed tghid li dan kien zball u l-Union qed tghid li ma' kien zball xejn. Il-partijiet qed jaqblu, kompla l-avukat, li dan il-hlas ma' kienx formalizzat fl-ebda ftehim u lanqas inhasset il-htiega li xi parti tifformalizzah fil-ftehim riferut. Pero li hu zgur, kompla l-avukat, hu, li hemm qbil bejn kulhadd li tali hlas sar ghal-sentejn shah.
Dr.Mifsud Bonnici temm it-tattazzjoni tieghu billi sahaq li s-sors tal-argument u cjoe il-hlas lill-impjegati, mhuwiex biss il-ligi li f'dan il-kaz hija silenzjuza, mhuwiex biss il-ftehim kollettiv, izda anke l-ftehim verbal u l-konswetudni u l-prassi, fejn ghal-sentejn shah il-partijiet kienu kuntenti li japplikaw.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal inizjalment jistqarr li l-mod kif giet gestita mill-partijiet involuti din il-kwistjoni dwar kif ghandu jsir il-hlas tal-haddiema fic-cirkostanza kif indikata, ikkontribwixxa mhux ftit sabiex din zvillupat ruha f'tilwima ta'xoghol.

It-Tribunal iqies bhala stramba kif kundizzjoni ta' xoghol li illum qed tigi identifikata minn naha tal-kumpanija bhala 'prattika bi zball' ippersistit ghal-numru ta' snin. U dan meta tali kundizzjoni, skond kif xehdet l-*HR Director* ta' li stess kumpanija giet mibdula diversi drabi matul is-snin li ilha topera l-kumpanija. B'sens ta'logika simplistika, galadarba jigi identifikat zball dan ghandu jitwaqqaf u mhux jibqa jigi pprattikat b'modifikazzjonijiet.

Qieghed jitqies ukoll bhala stramb, dak li hareg mix-xhieda fuq mistoqsija tat-Tribunal stess, dwar ghaliex meta l-Kumpanija dahlet f'diskussjonijiet mal-Union li wasslu ghal-forma ta' ftehim dwar kundizzjonijiet varji ta' xoghol , ma' hassitx li hu opportun li din l-*issue* pendenti tigi ttratta sabiex tkun tifforma parti minn tali ftehim. Skond dan it-Tribunal, tali atteggjament huwa inspjeggabbli u nieqes minn professjonalita.

Mill banda l-ohra it-Tribunal fil-waqt li jara li l-Union setghet hassitha komda li tali *issue* ma' gietx ittrattata fid-diskussjonijiet riferuti, xorta wahda jqis dan l-atteggagment bhala wiehed impudenti, galadarba kien jidher car li din il-kwistjoni giet momentarjament skartata izda mhux solvuta.

It-Tribunal fela bir-reqqa dovuta il-legislazzjoni li tirreferi ghal-hlas meta jsir xoghol f'festi pubblici, b'mod partikolari fejn jappartjeni ghal-haddiema fis-settur tat-trasport pubbliku.

Artiklu 17 tal-Kap 452 jaghti direzzjoni dwar x'ghandu jsir meta festa pubblika tahbat waqt il-gurnata '*rest*' tal-haddiem u cjoe li ghanda tizdiedlu gurnata *leave*. Pero ma' jaghmel l-ebda referenza dwar x'ghandu jkun il-hlas meta haddiem jinzerta xoghol (*scheduled*) f'gurnata fost il-gimgha u dik il-gurnata tinzerta festa pubblika.

Legislazzjoni Sussidjarja 452.35 ‘Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghat-Trasport Pubbliku biex jirregola l-Pagi’ fil-waqt li taghti direzzjoni dwar bosta kundizzjonijiet tax-xoghol, ma’ ssir l-ebda referenza dwar xoghol maghmul waqt festa pubblika.

It-Tribunal isostni li fejn il-legislatur ried ikun specifiku fid-direzzjoni tieghu dwar kundizzjonijiet ta’ xoghol ma’ qaghadx lura milli jaghmel hekk. U allura la f’dan ir-rigward ma’ specifikax, thalla spazju sabiex il-prattika tkun skond kif jinhass fic-cirkostanzi.

U hekk sar fix-xenarju li fih hija msawwra din il-kwistjoni ta’ xoghol. Fejn il-hlas ghall meta haddiem jinzerta ‘*scheduled*’ li jahdem f’festa pubblika gie varjat mill-Kumpanija bosta drabi matul is-snin u kurrentament qed isir hlas ta’ 1 X 3.

It-Tribunal ihoss li galadarba ma’ hemmx ligi specifika li tiggwida mod iehor fir-rigward tal-hlas ‘in kwestjoni’, ‘*Consuetudo loci servanda est*’, il-konswetudni tal-post trid tigi osservata.

Sakemm ma’ kien hemm l-ebda ghaqda sindakali li kellha d-dritt li tinnegozja b’mod kollettiv f’isem il-haddiema, din il-kundizzjoni ta’ xoghol giet mibdula (skond kif intqal) meta ried il-Management tal-Kumpanija. Ix-xenarju evolva, u sakemm il-Union tibqa tigi rikonoxxuta bhala li ghanda dritt li tinnegozja b’mod kollettiv f’isem il-haddiema tal-Kumpanija, kull tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema jrid isir f’negozjati, ovvjament fli sfond tal-parametri tar-relazzjonijiet industrjali.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f’dan il-process, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li t-talba tal-Arriva Malta Limited ma’ tigix milqugha, u t-Tribunal jordna li sakemm isir bdil iehor permezz ta’ negozjar, il-hlas lill haddiema fil-festi pubblici/nazzjonali jibqa kif inhu.

Barra minn hekk, fil-kuntest ta' dan il-kaz, it-Tribunal jistaqsi jekk wasalx iz-zmien li l-Legislatur flimkien mal-imsiehba Socjali fi hdan l-*Employment Relations Board*, jaghmlu revizjoni tal-*Wages Regulation Order* li tirregola dan il-qasam ta' xoghol partikolari. Revizjoni li tkun tirrispekkja l-ambjentazzjoni kurrenti tal-impjiegi fis-settur, ambjentazzjoni ferm differenti minn kif kienet snin ilu.

Finalment dan it-Tribunal jappella lill partijiet li b'mod immedjat jidhlu f'tahdidiet ghal-ftehim kollettiv li jkun ikopri kull kundizzjoni ta' xoghol, b'mod partikolari din is-sitwazzjoni ,li z-zewg partijiet qeghdin jaqblu li hija *issue* pendenti.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

| | | |
|---|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) | (iffirmat) |
| **Ch. Cassar** | **David Magro** | **Michael J. Mallia** |
| Chairperson | Membru | Membru |

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju